



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' Mejju 2012 (31.05)
(OR. en)**

10498/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0116 (NLE)**

**EEE 58
ENV 407
SPORT 35**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	25 ta' Mejju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 231 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 231 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 25.5.2012
COM(2012) 231 final

2012/0116 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni
Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

b

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa u l-omoġeneità tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni Ewropea fil-Ftehim taż-ŻEE malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħha u għandu jippermetti wkoll il-partiċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE tal-EFTA fl-azzjonijiet, fl-attivitajiet jew fil-programmi tal-UE li jkunu rilevanti għaż-ŻEE.

L-Artikolu 78 tal-Ftehim taż-ŻEE jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti jsaħħu u jestendu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet tal-Unjoni f'diversi oqsma, fost l-oħrajn, fil-qasam tal-ambjent.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet.

L-ewwel nett, il-kooperazzjoni tkun estiża b'tali mod li tinkludi r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u għall-Osservazzjoni tal-Ambjent. It-tieni nett, il-kooperazzjoni tkun estiża biex tkopri l-qasam tal-isport.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li huwa l-Kunsill li jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar tali Deċiżjonijiet, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE lill-Kunsill biex jadottaha bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti fir-rigward tal-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet.
- (2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża b'tali mod li tinkludi r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u għall-Osservazzjoni tal-Ambjent².
- (3) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża biex tkun tkopri l-qasam tal-isport.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90³ li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jkun revokat skont il-Ftehim.
- (5) Għaldaqstant, il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat sabiex din l-estensjoni tal-kooperazzjoni tkun tista' sseħħ,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

³ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, tissegjes fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta'

**li te menda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ...⁴.
- (2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża b'tali mod li tinkludi r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u għall-Osservazzjoni tal-Ambjent⁵.
- (3) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża biex tkun tkopri l-qasam tal-isport.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90⁶ li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jkun revokat skont il-Ftehim.
- (5) Għaldaqstant, il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat sabiex din l-estensjoni tal-kooperazzjoni tkun tista' ssejtni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll 31 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

(a) L-Istati tal-EFTA jipparteċipaw bis-siġġ fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Aġenzija", u fin-Netwerk Ewropew ta'

⁴ ĠU L ...

⁵ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

⁶ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

Informazzjoni u għall-Osservazzjoni tal-Ambjent, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.

- (b) L-Istati tal-EFTA jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet li hemm referenza għalihom fil-punt (a), f'konformità mal-Artikolu 82(1) u mal-Protokoll 32 tal-Ftehim.
 - (c) Minħabba l-punt (b), l-Istati tal-EFTA jipparteċipaw bis-siġġ fil-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija mingħajr ma jkollhom id-dritt għall-vot, u jkunu assoċjati mal-ħidma tal-Kumitat Xjentifiku tal-Aġenzija.
 - (d) It-terminu "Stat(i) Membru/i" u termini oħra li jagħmlu referenza għall-entitajiet pubbliċi tagħhom imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament, jinftehm b'tali mod li, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, ikunu jinkludu lill-Istati tal-EFTA u lill-entitajiet pubbliċi tagħhom.
 - (e) Id-dejta ta' natura ambjentali li tiġi pprovduta lill-Aġenzija jew li tirriżulta minnha, tkun tista' tiġi ppublikata u tkun aċċessibbli għall-pubbliku, sakemm l-Istati tal-EFTA joffru livell ta' protezzjoni għall-informazzjoni kunfidenzjali li jkun ugwali għal dak li jingħata fi ħdan il-Komunità.
 - (f) L-Aġenzija jkollha personalità ġuridika. Fl-Istati kollha tal-Partijiet Kontraenti, tkun tgawdi mill-aktar kapaċità ġuridika estensiva li tingħata lill-persuni ġuridiċi skont il-liġijiet tagħhom.
 - (g) L-Istati tal-EFTA japplikaw il-Protokoll tal-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għall-Aġenzija.
 - (h) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' persunal ieħor tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċittadini tal-Istati tal-EFTA li jgawdu mid-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini, jistgħu jiddaħħlu jaħdmu b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.
 - (i) Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3), il-Parti VII (id-Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim tapplika għal dan il-paragrafu.
 - (j) Għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 401/2009, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, japplika wkoll għal kull dokument tal-Aġenzija li jkun jirrigwarda l-Istati tal-EFTA.
2. L-intestatura tal-Artikolu 4 (L-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport"

⁷ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara li tkun saret l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

*

[Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali .] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]